*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,778, 15 ta' Lulju, 2011*

*Taqsima B*

**A.L. 284 ta' l-2011**

## ATT DWAR IL-KONTROLL TAL-PESTIĊIDI (KAP. 430)

### Regolamenti ta' l-2011 li jimplimentaw ir-Regolamenti dwar Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4 u 5 ta' l-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Prim Ministru u mal-Ministru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-Titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu Regolamenti ta' l-2011 li jimplimentaw ir-Regolamenti dwar Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti.

**2.** Dawn ir-regolamenti jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE.

**3.** Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-14 ta'Ġunju 2011.

Twaqqif ta' l-Awtorità Kompetenti.

**4.** Id-Diviżjoni dwar ir-Regolament Tekniċi hekk kif stabbilit mill Att tal-2011 dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510) fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur hi l-Awtorità Kompetenti msemmija fl-Artiklu 75 ta' Regolament (KE) Nru. 1107/2009.

Appell.

**5.** Kull persuna aggravata minn deċiżjoni tad-Direttur tista' issolvi kwalunkwe tilwima, kontroversja jew talba li toriġina minn din id-deċiżjoni jew billi tittieħed azzjoni quddiem il-Qorti Ċivili jew billi tibda proċeduri ta' arbitraġġ skond l-Att Malti għall-Arbitraġġ (Kap. 387) u r-Regolamenti ta' Arbitraġġ taċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ, kif jista' jkun fis-seħħ minn żmien għal żmien.

Penali.

**6.** Is-sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 għandhom ikunu dawk imsemmija fl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi.

**L.N. 284 of 2011**

## PESTICIDES CONTROL ACT
## (CAP. 430)

### Plant Protection Products (Implementation) Regulations, 2011

IN exercise of the powers conferred by articles 4 and 5 of the Pesticides Control Act, the Minister for Resources and Rural Affairs, in consultation with the Prime Minister and with the Minister for Health, the Elderly and Community Care, has made the following regulations:-

Citation and Commencement.

**1.** The title of these regulations is the Plant Protection Products (Implementation) Regulations, 2011.

**2.** The regulations implement the provisions of Regulation (EC) No 1107/2009 of the European Parliament and of the Council of 21 October 2009 concerning the placing of plant protection products on the market and repealing Council Directives 79/117/ EEC and 91/414/EEC.

**3.** These regulations shall be deemed to come into force on 14th June 2011.

Establishment of the competent authority.

**4.** The Technical Regulations Division as established by Malta Competition and Consumer Affairs Authority Act, (Cap. 510) within the Malta Competition and Consumer Affairs Authority is the competent authority within the meaning of Article 75 of Regulation (EC) No. 1107/2009.

Appeal.

**5.** Any person aggrieved by a decision of the Director may settle any dispute, controversy or claim arising from this decision either by bringing an action before the First Hall Civil Court or by commencing arbitration proceedings in accordance with the Malta Arbitration Act (Cap. 387) and the Arbitration Rules of the Malta Arbitration Centre, as may be in force from time to time.

Penalties.

**6.** The sanctions applicable for infringement of the provision of Regulation (EC) No. 1107/2009 shall be those provided for in article 9 of the Pesticides Control Act.

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata —** ***Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.09**